



# X'Tani l-Baħar

Kitba ta' Lino Psaila.

Bi kważi tliet darbiet akbar mill-medda tal-art li teżisti fuq il-pjaneta tagħna, il-baħar huwa s-suprem, huwa l-ħajja ta' kollox bil-Ħallieq Divin iżejnu b'eluf ta' speċi ta' kreaturi ta' kull qies u forma li huma aktar minn biżżejjed biex tmanti l-poplazzjoni dinjija, dejjem jekk l-istess bniedem jagħraf ma jisfruttax iżżejjed is-sors li jrid jiekol minnu.

Minbarra dan il-bniedem jiekol ukoll mill-prodotti li huwa stess ikabbar fuq l-art, imma biex dawn jikbru u jiffjorixxu jridu l-ilma, u dan jasal sewwa sew mill-baħar li kapaċi jitla' fl-atmosfera fejn jagħqad u wara jitferra' fuq l-art bħal xita li barra li xxarrab l-artijiet u tagħmilhom fertili, il-bniedem jaħżnu wkoll ħalli jkun jista' jixrob u jgħix.

Il-baħar ukoll għandu bl-istint kbir u qawwi li jaf ibikki bosta familji jekk mhux ġnus ukoll, imma fl-istess nifs għamel familji għonja u ġnus potenti u qawwija li tgħammru bi flotot sħaħ ta' bastimenti kemm għall-kummerċ u trasport bejn art u oħra u anke għall-ġlied biex rebħu artijiet u komplew stagħnew waqt li oħrajn komplew ftaqru jew sparixxew kompletament.

Sfortunatament il-baħar kien u jibqa' l-prim attur ta' dawn il-konflitti, imma wkoll bosta pajjiżi madwar id-dinja għarfu l-potenzjal tal-baħar minn ċirkostanza oħra, is-sajd.

F'dan il-mestier bosta kienu dawk li fih raw sors ta' ekonomija għal pajjiżhom u għarfu jieħdu kemm jistgħu mill-ġid li kien qiegħed joffri l-baħar, imma f'dan ir-rigward ukoll bdew jinqalgħu xi għeltijiet bejn pajjiż u ieħor u mhux dejjem id-diplomazija rebħet.

Meta tagħna mdawra dawra mejt bl-ilmijiet Mediterranji wkoll għandha flotta ta' sajjieda li jagħmlu kull ma jistgħu biex lġibu ħut lejn l-art u l-ekonomija titjieb, imma biex wasalna sa hawn is-sajjied Malti kellu jgħaddi mill-eħrex tbatijiet, saħansitra mhux darba u tnejn li sajda spiċċat fi traġedja, Iżda fost il-biki u xgħir ta' nies il-vittmi kien hemm is-sodisfazzjon li mill-baħar tista' tieħu l-akbar tagħlim u forsi l-istorja ma tirrepetix ruħha.

## U lili x'tani l-baħar?

Jekk immur lura fiż-żmien, insib li ma' medda ta' ftit inqas minn nofs seklu, il-baħar tani bosta u bosta sodisfazzjon, liema sodisfazzjon, personalment kien ta' kburija, imma wkoll xi drabi dan kien imtappan b'mumenti ta' diżappunti, ta' niket u sogħba kemm għalija u anke għall-familja tiegħi, għaliex mhux faċli li mal-baħar, tifraħ, tidħak u jkollok trionfi biss.

Ma nafx għaliex u mingħajr ħadd ma kien qalli xejn inġbidt lejn il-baħar, fejn anqas biss kelli 13-il-sena li nżilt Marsaxlokk biex infittex l-ewwel avventura fuq il-potenti baħar, l-akbar u l-aktar setgħani fost l-elementi li jeżistu fuq il-pjaneta tagħna.

Il-mestier tas-sajd huwa iebes u qalil ferm iżjed minn mestieri oħra, iżda l-ġibda li kelli kienet akbar u ħadd u xejn ma seta' jżommni milli nkompli din it-triq li qbadt fejn fiha stajt nammira l-mixi tal-mirkeb iterraq fuq il-kobor ta' dik il-firxa wiesgħa ta' ilma lixx li minn xi drabi wkoll kienet tisserred u anke ssir xi ftit muntanjuża, kultant xi ftit iżżejjed imma s-sodisfazzjon kien qiegħed hemm imqar li l-periklu li kien qiegħed jheddidni kien akbar minn kollox.

F'dan il-periodu l-baħar tani mhux sodisfazzjon imma l-akbar rigal li qatt seta' jkolli meta sibt l-ewwel imħabba tiegħi u żżewwiġt xbejba Xlukkajra bint is-sajjieda bieżia u miegħi ġarrbet kemm il-ferħ u nniket tul iż-żmien li ilna flimkien.

Minbarra s-sodisfazzjon tat-tbaħħir, il-baħar tani s-sodisfazzjon li tgħallimt bosta ħwejjeġ li huma marbutin miegħu u mas-sengħa tas-sajd, l-ewwel u qabel kollox tgħallimt nagħraf l-ispeċi tal-ħut u kreaturi marittimi oħra, il-baħar ġegħilni nitgħallem il-formazzjonijiet tas-sħab li bihom inkun nista' nbassar it-temp l-aktar fattur importanti u meħtieġ f'din is-sengħa, ġegħilni wkoll nitgħallem infittex imsajda ġodda li qatt qabel ma kienu magħrufa u kienu dawn li komplew imlewni bis-sodisfazzjon għaliex kien irnexxieli nwassal lejn l-art speċi ta' ħut li għas-sajjieda



tradizzjonali kienu għadhom mistura u qatt ma eżistew għall-għajnejn il-popolin.

Is-sodisfazzjon li tani l-baħar kien wisq ikbar meta wara 15-il-sena li kont tlajt għall-ewwel darba fuqu, sirt sid ta' mirkeb u ma bqajtx immur Iżjed man-nies, iżda bdejt infendi għal rasi b'iżjed kuraġġ u determinazzjoni għaliex tul il-15 il sena li ħdimt il-qliegħ kien ftit ferm u ftit li xejn stajt immantni l-familja sewwa, imqar li l-baħar kien u għadu għajn ta' qliegħ il-flus għal xi wħud fost is-sajjieda.

Is-sodisfazzjon kompla kiber meta kien irnexxieli nsib aktar imsajda għadhom verġni u minnhom qbadt kemm stajt speċi ta' ħut li wkoll għall-ewwel darba xi wħud minnhom kienu ġodda għas-swieq Maltin, b'dan kollu ma rridx infisser li kollox ward u żagħr, għaliex bosta drabi waqt ħidmieti nqbadt f'maltempati mhux imbassra li ta' bilfors kelli nċedi u f'xi okkażjonijiet bl-akbar diżappunt kelli wkoll inħalli l-inġenji warajja li kienu jfissru kemm tbatija finanzjarja u anke fiżika għaliex tkun trid terġa' tarma mill-ġdid, iżda dawn ma qatgħulix qalbi lanqas għaliex il-baħar kien tani d-dehen kif narma l-inġenji għall-ħtiġijiet tal-mument u għalkemm kont inbati qatigħ biex nagħmel dan, kont inħossni sodisfatt għaliex il-baħar kien iġegħlni nitgħallem kif infassal u nkejjel biex narma għal kull bżonn li stajt niltaqa' miegħu f'dak iż-żmien meta l-irkuptu kien għadu kważi primittiv u aħjar kieku baqa' hekk avolja kont inbati, għaliex kieku n-najlon li għandna llum għalkemm huwa ta' fejda kbira għas-sajjieda, ma kienx ikun ta' ħsara kbira għall-ekoloġija marittima.

Mal-milja tas-snin il-baħar kompla jaħfinni fis-setgħa maġika tiegħu u għamillni aktar avventuruż minkejja li l-avventura issa ftit li xejn kelli bżonnha minħabba l-ħarsien tal-familja, imma dik ix-xi ħaġa li tiġbdek bħal kalamita lejn dak l-ilma mmens ġegħlitni nibdel il-mirkeb tiegħi ma wieħed akbar biex inkun nista' nterraq f'ibħra aktar 'il bogħod u nkompli nfittex aktar imsajda u forsi wkoll xi speċi ġdida.

Nistqarr li f'għomri kollu qatt ma kont qluqi, u l-baħar kompla għallimni nkun prudenti u attent minn xi għelt li jista' jinqala', għaliex għalkemn huwa manjifiku u jsaħħrek bi sbuħitu daqstant ieħor jaf jikrieh u jisbel f'qillietu tant li jħallik bla nifs u mwerwer b'xi talba ċkejkna bejn xufftejk lill-Madonna biex teħilsek minn dawk it-turbulenzi u twasslek lura d-dar qawwi u sħiħ, għaliex il-baħar xorta jibqa' żaqqu ratba u rasu iebsa.

Bil-mikreb akbar mill-ewwel wieħed stajt navda xi ftit aktar u nisħar xi ftit iżjed, imma mal-baħar mhux kemm għandek mirkeb kbir u kemm tixtieq iddum, iżda kemm tagħraf ħtiġietu, u hawn ġarrabt wieħed mill-akbar diżappunti tiegħi meta waqt sajda għall-pixxispad ġejt attakkat mill-ħuta li kelli meħula fuq il-konz u taqqbitli l-mirkeb, bħal waqa' għamad fuq għajnejja u qalbi kważi waqfet għal kollox, f'leħħa ta' berqa ftakart f'dak stess li kien għallimni l-baħar u dawwart il-mirkeb kontra x-xemx biex il-ħuta tkun tista' tħallini u hekk ġara imma s-saram kien għadu madwari għaliex il-mirkeb kien qiegħed jimtela bl-ilma u niezel bil-mod il-mod; biex nilħaq l-ewwel art ridt l-isbaħ ħames sigħat u għalkemm kien bnazzi mill-aktar li qatt seta' jkun ma kienx il-mument li nibqa' nissara biex naqbad il-ħuta, imma r-raġuni kienet tgħidli biex inqarreb kemm nista' lejn l-art.

## Baħar, baħar għaliex għamiltli hekk?

Dawn kienu l-uniċi kelmiet li bi tnehida profonda ħarġu minn fommi u dlonk l-istess baħar urieni x'għandi nagħmel għaliex qlajt il-pompi minn mal-magni u minflok bdew itellgħu l-ilma mill-baħar biex ikessħu l-magni, bdew jagħmlu l-istess ħidma minn ġewwa l-mirkeb stess u l-ilma beda jixxotta sa ma tani ħin biżżejjed biex wara kważl tmien sigħat ta' taqtigħ il-qalb stajt nerġa' nara lis-sabiħa Delimara u l-baħar għalkemm għal mument bikkieni tani s-sodisfazzjon li dak li kien għallimni kellu ħila jwassalni lura lejn l-art mill-ġdid.

Matul iż-żminijiet ġarrabt iżjed diżappunti Iżda fl-istess ħin il-baħar dejjem urieni kif inrażżanhom għalkemm mhux dejjem irnexxieli sa barra.

Hawn erġajt lura għal raħal twelidi ż-Żejtun, is-sogħba kienet kbira ħafna għaliex miegħi batew marti u wliedi, imma b'dan kollu l-baħar xorta waħda tani sodisfazzjon ieħor forsi wkoll akbar minn dawk is-sodisfazzjonijiet kollha li ġa semmejt.

Għalkemm ma nistax iżjed immur fuqu u nitpaxxa bis-sbuħija tiegħu, sibt ħin biżżejjed biex nikteb dwaru u ġrajjietu, dwar ġrajjiet missierijietna Żwieten, l-ewwel pijuniera tas-sajd Malti li bosta minnhom ħallew ħajjithom fuq il-mirkeb tagħhom u hawn sibt li tnejn mill-ewwel familji li kienu niżlu jgħammru f'Marsaxlokk huma antenati tiegħi.



Tnejn minn ulied dawn iż-żewġ familji kienu ħallew ħajjithom fuq il-baħar f'imriekeb differenti u f'ċirkostanzi kważi simili. U hawn ftakart fi tfuliti u xejn ma stagħġibt li l-baħar kien tant ġibidni lejh f'eta` hekk żgħira, id-demm jiġbed jgħidu u dan huwa verissmu.

Is-sodisfazzjon aktar u aktar kiber meta rnexxieli nsib li antenat ieħor mill-familja Psaila kien l-oriġinatur tax-xibka li biha jinqabdu l-lampuki, liema xogħol għadu jitwettaq minn sajjieda Maltin biss id-dinja kollha u s-sodisfazzjon li tani l-baħar ikompli jikber aktar jekk ikolli x-xorti li b'kitbieti xi ħadd jitgħallem xi ħaġa u 'l quddiem ikun jista' jgħid x'taħ il-baħar forsi sodisfazzjon akbar u akbar milli ta lili.

**Lino Psaila.**




SAMITO LTD.

(Taz-Zgej)

Customs Clearance and Transportation

Tel/Fax: 21 805 715
Mobile: 9942 1664
Email: samitoltd@hotmail.com

THE STATIONER

• For all kind of Stationery •
• Photocopy Service Available •

ST. GREGORY STR. ŻEJTUN